

Brussell, 24 ta' Mejju 2022  
(OR. fr, en)

8955/1/22  
REV 1

AGRI 182  
VETER 43

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar l-Influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI): approċċ strateġiku għall-iżvilupp ta' tilqim bħala għodda komplementari għall-prevenzjoni u l-kontroll <i>- Approvazzjoni</i>

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI): approċċ strateġiku għall-iżvilupp ta' tilqim bħala għodda komplementari għall-prevenzjoni u l-kontroll, approvati mill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) l-24 ta' Mejju 2022.

**Influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI): approċċ strateġiku għall-iżvilupp ta' tilqim  
bħala għodda komplementari għall-prevenzjoni u l-kontroll**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JENFASIZZA li l-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI) hija marda transfruntiera tal-animali b'kapaċità li tinfirex malajr ħafna irrispettivament mill-fruntieri nazzjonali, li tikkawża konsegwenzi soċjoekonomiċi severi, ixxejjel l-agrikoltura u tfixx il-kummerċ.
- (2) IFAKKAR li, minħabba l-kapaċità zoonotika ta' xi varjanti tal-HPAI, din tista' wkoll tkun ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem.
- (3) JINNOTA bi tħassib kbir li fl-aħħar sentejn kien hemm tliet staġuni epidemiċi maġġuri fit-territorju tal-Unjoni Ewropea u l-epizootija attwali tal-HPAI hija l-aktar waħda severa fl-istorja reċenti.
- (4) IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019<sup>1</sup>, li jenfasizzaw bil-qawwa r-rwol ewlieni tal-bijosigurtà u jiddikjaraw b'mod ġenerali li għandhom isiru l-isforzi kollha biex tiġi evitata l-introduzzjoni jew it-tixrid fit-territorju tal-UE ta' mard transfruntier tal-animali sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi tiegħu.
- (5) JINNOTA li, minbarra l-applikazzjoni ta' miżuri stretti ta' biosigurtà, it-tilqim jista' jikkomplimenta l-miżuri preventivi u ta' kontroll eżistenti kontra l-HPAI u jista' jikkontribwixxi biex jitnaqqas ir-riskju li l-virus jinxtred aktar fil-popolazzjoni tal-għasafar domestiċi u b'hekk jgħin ukoll biex il-bniedem ikun inqas espost għalih.

---

<sup>1</sup> "Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-bijosigurtà, kunċett ġenerali b'approċċ unitarju għall-protezzjoni tas-saħħa tal-animali fl-UE", adottati fit-18 ta' Ġunju 2019 (10368/1/19 REV 1).

- (6) Barra minn hekk, JIKKUNSIDRA li t-tilqim jista' fl-aħħar mill-aħħar jgħin ukoll biex jitnaqqas il-qtil preventiv ta' għadd kbir ta' għasafar b'saħħithom sabiex tiġi kkontrollata l-epizootija tal-HPAI, li tikkawża tħassib dejjem akbar għas-soċjetà u li toħloq diffikultà biex jintlaħaq l-għan li tiġi żviluppata sistema tal-ikel sostenibbli Ewropea li ġie approvat mill-Kunsill bħala parti mill-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt<sup>2</sup>.
- (7) IFAKKAR li l-istandards internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) u l-leġiżlazzjoni tal-UE diġà jagħmlu possibbli t-tilqim kontra l-HPAI, iżda għal diversi raġunijiet, dan it-tilqim mhux ipprattikat fuq skala kbira. Dawk ir-raġunijiet jinkludu b'mod partikolari, mhux biss in-nuqqas ta' vaċċini effettivi u sikuri approvati fl-UE kontra l-HPAI, iżda wkoll il-fatt li t-tilqim jista' jikkostitwixxi ostaklu għall-esportazzjonijiet ta' tjur u prodotti tat-tjur peress li għadd ta' pajjiżi terzi jirrestrinġu l-importazzjonijiet ta' annimali mlaqqma u l-prodotti tagħhom. Barra minn hekk, hemm ukoll il-ħtieġa għal aktar għarfien xjentifiku, inkluż valutazzjonijiet tar-riskju aġġornati.

**Fid-dawl ta' dawn ta' hawn fuq,**

- (8) ITENNI li l-bijosigurtà u s-sorveljanza jibqgħu pedamenti importanti tal-ġlieda kontra l-HPAI, iżda JIKKUNSIDRA li t-tilqim jista' jsir għodda komplementari rilevanti.
- (9) IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw strateġiji ta' tilqim għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-HPAI, b'enfasi fuq żoni, speċi u prattiċi agrikoli friskju. JINNOTA li huma meħtieġa sforzi konġunti f'diversi oqsma sabiex jintlaħaq dak l-għan, iżda JEMMEN BIS-SĦIĦ li tali sforzi jġu ppremjati tajjeb.

---

<sup>2</sup> "Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt", adottati fid-19 ta' Ottubru 2020 (12099/20).

- (10) JAPPELLA GĦAL aktar żvilupp u awtorizzazzjoni ta' vaċċini effettivi u sikuri għal speċijiet differenti ta' tjur, li jipprovdu immunità suffiċjenti kontra l-varjanti tal-virus HPAI li jiċċirkolaw. Vaċċini bħal dawn għandhom ikunu faċli biex jiġu amministrati u kompatibbli mal-prattiki agrikoli fl-UE. Fi kwalunkwe każ, għandu jkun possibbli li ssir distinzjoni bejn animali infettati u animali mlaqqma. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkollaboraw mal-industrija farmaċewtika sabiex jinkiseb dan l-oġjettiv.
- (11) JENFASIZZA l-importanza ta' monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-varjanti tal-virus li jiċċirkolaw kif ukoll kwalunkwe bidla fl-effikaċja tal-vaċċini fir-rigward ta' kwalunkwe varjant ġdid tal-virus.
- (12) JIKKUNSIDRA li huwa ta' importanza ewlenija li jiġu identifikati u indirizzati n-nuqqasijiet fil-valutazzjonijiet tar-riskju biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' strateġiji ta' tilqim mill-awtoritajiet kompetenti kif rilevanti, u għalhekk JILQA' BI PJACĪR l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħti mandat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel biex taġġorna l-opinjoni tagħha dwar it-tilqim kontra l-HPAI<sup>3</sup>. Barra minn hekk, JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-iżvilupp ta' għodod ta' mmudellar biex jiġi vvalutat l-impatt tat-tilqim fuq it-tixrid tal-virus u biex jiġu ottimizzati l-istrateġiji tat-tilqim.
- (13) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tistabbilixxi regoli għal sorveljanza adatta u robusta mfassla apposta biex takkumpanja t-tilqim kontra l-HPAI meta dan iseħħ, bil-ħsieb li jintwera l-istatus ħieles mill-HPAI b'kont meħud tal-ispejjeż involuti.
- (14) JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iwettqu studji biex jivvalutaw l-ispiża/il-benefiċċju tat-tilqim fil-livell tal-UE u dak lokali rispettivament.
- (15) JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġiji u soluzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju adatti għat-tipi u ċ-ċirkostanzi ta' produzzjoni lokali tagħhom.

---

<sup>3</sup> EFSA Journal (2007) 489, Scientific Opinion on "Vaccination against avian influenza of H5 and H7 subtypes in domestic poultry and captive birds" (Opinjoni Xjentifika dwar "Tilqim kontra l-influenza avjarja tas-sottotipi H5 u H7 fit-tjur domestiċi u għasafar miżmuma fil-maġhluq") - EFSA-Q-2006-309, adottata fil-11 ta' Mejju 2007.

- (16) JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex iwettqu provi tat-tilqim u jaqsmu r-riżultati tagħhom permezz tal-kollaborazzjoni xjentifika, kif xieraq, f'konformità mal-qafas legali rilevanti filwaqt li jieħdu miżuri preventivi xierqa biex jiproteġu s-saħħa tal-annimali u tal-bniedem, peress li dawn il-provi huma essenzjali sabiex jinġabar l-għarfien xjentifiku u tiġi appoġġata d-definizzjoni tal-istrateġiji tat-tilqim.
- (17) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltajiet ta' xiri bil-blokka jew tal-mekkaniżmi tal-bank tal-vaċċini sabiex tiżgura provvista robusta u reattiva tal-vaċċini.
- (18) JINKORAĠĠIXXI lill-atturi rilevanti kollha biex jikkomunikaw b'mod attiv mal-partijiet ikkonċernati bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tat-tilqim kif ukoll l-impatti mistennija tiegħu.
- (19) JAPPELLA għal sforzi konġunti biex tissaħħaħ l-aċċettabbiltà tal-prinċipju tat-tilqim kontra l-HPAI fil-kummerċ internazzjonali. Għal dan il-għan, JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri:
- jinvolvu ruħhom b'mod konġunt fi djalogu mas-sħab kummerċjali tal-UE;
  - jipromwovu diskussjonijiet fi ħdan l-OIE fil-livelli globali u reġjonali bil-għan li jiġu żviluppati aktar l-istandards internazzjonali biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ sikur, ukoll billi jibnu fuq il-kunċetti ta' reġjonalizzazzjoni u kompartmentalizzazzjoni.

Sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw malajr pjan direzzjonali operazzjonali biex jiġu appoġġati dawk id-djalogi u d-diskussjonijiet.